# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Diane Vella )

Vs

Melvin Borg

Illum 24 ta` Frar, 2025

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta' Melvin Borg bin Carmel u Antonia nee` Grima imwieled fil-21/12/1988 u joqghod 158, George Close, FL 2, Vjal il-Helsien, Zebbug Malta. ID 6489M.

Billi int akkuzat talli fit-3 ta` Ottubru, 2022 ghall-habta ta'7.40 hrs fi Triq Regjonali, Santa Venera, soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni MLV212;

1. U talli soqt l-imsemmija vettura b`manjiera traskurata, Kap 65 Art 15 (1) (a) (2)
2. U talli soqt l-imsemmija vettura b`manjiera perikoluza, Kap 65 Art 15 (1) (a) (2)

3. U talli soqt l-imsemmija vettura b`manjiera bla kont, Kap 65 Art 15 (1) (a) (2)

4. U aktar talli b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolmenti, ikkagunajt hruq, jew ghamilt xi hsara jew hassart jew gharraqt xi hagam minhabba f`hekk Steven Carl Cini baghta offiza gravi fuq il-persuna, minghajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta skond kif gie iccertifika Dr. Daniel Cassar MD mil-MDH. Kap 9 Art. 328 (c).

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikolu 328(c) tal-Kap 9 u Art 15(1)(a) (2) kap 65 u fil-L.S. 65.18Art 36(B) u fil-LS65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta..

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**PS310 Wayne Buhagiar u t-tabib Daniel Cassar** xehdu permezz ta` affidavit

**Steven Karl Cini**,xehed hekk **:**

Pros: Mela sinjur inti kellek xi incident?

Xhud: Iva.

Pros; Meta ġara?

Xhud: Ġara two years ago għandi d-dati ta' meta dħalt l-isptar.

Pros; Ghandek xi karti li nistghu nezebuhom?

Xhud: Iva, ghandi ir-rapport tal-isptar 3rd October 2022.

Pros: Mela u fejn ġara fl-inċident?

Xhud: Past il-mina ta` Santa Venera on the way Tas-Sliema.

Pros: U x`gara kif gara?

Xhud: Jiena kont qed insuq fuq il-karreġġjata tal-lemin bil-mutur u ħabta u sabta ħassejt karozza tikser direttament ġo fija fejn sabtitni mal-barriers tal-konkrit fejn spiċċajt tkaxkart u spiċċajt l-isptar. Kont qed insuq fuq il-karreġġjata tal-lemin jiena bil-mutur imbagħad ħassejt karozza tidħol direttament ġo fija fejn sabtitni mal-konkrit u ħadt tkaxkira mal-art.

Pros: Jiġifieri inti mill-liema lane rajtu ġejja għal fuqek?

Xhud: Ma rajtux jiena kont qieghed fuq in-naha tal-lemin kont fil-karreġġjata tiegħi at constance speed fuq on the right side, and then on the right eżatt jiena kont qiegħed fuq il-lemin u ħassejt il-karozza tikraxxja ġo fija from the left.

Pros: U x'ġara imbagħad?

Xhud: Spiċċajt l-isptar kelli fracture collar bone ghandi ir-rapport hawnhekk u għad għandi problemi oħra bħalissa.

Pros: U dakinhar inti meta kont fuq il-post ġiet l-ambulanza gie xi ħadd ieħor fuq il-post?

Xhud: L-Ambulanza kien hemm ukoll xi pulizija wkoll.

Qorti: Min habat go fik taf min hu sinjur?

Xhud: Skond il-paperwork hawnhekk imma m'għandi l-ebda le m'għandi l-ebda idea minn wiċċu kif inhuwa kont under xokk u luckily I didn’t loose my bowels qaluli it-tobba meta kont hemmhekk.

Pros: U kif bqajt imbagħad fuq il-ħsarat li kellek li ġarrab fuq il-mutur għax inti għedtilna kont bil-mutur?

Xhud: Il-mutur jien ma niflaħx inhares lejh u qas insuqu ma rrid. Għandi biża' tal-biża fil-fatt ma soqtx mutur ma nsuq xejn ma jien qiegħed.

Pros: Imma bħala tiswijiet u hekk kif bqajt fuqu?

Xhud: Għadni ma dħaltx fiha dik għax kelli tifla u l-prijoritajiet tiegħi marru kompletament fuq it-tifla plus li għadni għaddej terapija biex jiena infieq.

Pros; Ma kellmek hadd fuq il-post tal-inċident barra l-pulizija?

Qorti: Ma jafx min laqqtu qal Super.

Xhud: Jiena rajt jien rajt il-pulizija ġew tal-ambulanza kont kont kompletament kważi out of my senses.

Pros: L-aħħar domanda inti għedtilna li kont għaddej fuq il-karreġġjata tax-xellug hux hekk?

Xhud: Tal-lemin tal-lemin tal-lemin, i was on the right lane.

Pros: Sorry, tal-lemin tal-lemin waħdek kont għaddej fuq dik il-karreġġjata inti?

Xhud: I was occupying the lane.

Pros: Ehe ghedtilna li inti waħdek kont fil-karreġġjata.

Pros: Daqshekk.

Avu: Inti ftaħt xi claim mal-insurance tiegħek?

Xhud: Iva ftaht.

Qorti: Fiċ-ċivil ma jinteressanix x'għamel.

Avu: Biex nara ghandux interess.

Qorti: Ma jistax ikun m'għandux interess dottoressa għax għandek il-gravi u għandek traskurat u perikoluż u bla kont jiġifieri.

Xhud: Iva ghandi interess ghax qaluli li qabel ma infieq kompletament ma nista' nagħmel xejn u jien qed nistenna l-affarijiet kif jiġu hawnhekk. Fil-fatt, jiena jekk għandi nelabora jiena pjanist u għandi tendonitis fejn ma nistax nibqa' ndoqq kif kont qabel.

Qorti: Mill-affidavit tat-tabib irriżulta li gravi dottoressa trid taraha.

Avu: Iva.

Qorti: X'iktar mis-sinjur?

Avu: Mela tiftakar x`hin kien l-inċident?

Xhud: Kien kmieni filgħodu ħafna.

Avu: U fil-karreġġjata tiegħek kif kien it-traffiku?

Xhud: Kien constant ma kienx wieqaf kien just constant fil-fatt it was going aqqas nista' nimmaġina imma onestament i was just on my lane owning my lane jiena.

Avu: U fuq il-lane l-ohra ghax dan kien Regional road sewwa jiġifieri fuq il-lane l-oħra kien hemm it-traffiku għaddej?

Xhud: Iva kien hemm traffiku ghaddej on both lanes ijja.

Avu: Staġnat imma?

Xhud: Le le kien constant.

Avu: Meta tghud constant tista?

Xhud: Kien miexi ma kienx hemm traffiku tqil gating wieqaf kien miexi fil-fatt jiena i just was going constant speed fejn il-karozza ta' dil-persuna daħlet direttament ġo fija.

Avu: Issa inti ma tiftakarx lis-sinjur kien waqaf biex jgħinek għall-assistenza?

Xhud: Jekk nista' nikkjarifika l-unika ħaġa li niftakar ġewwa tal-ambulanza qalu ġew tal-ambulanza qaluli isma' hawnhekk intuk l-opportunità fejn tista' ma tmurx l-isptar imma bil-gravi bis-sitwazzjoni li qiegħed.

Avu: Xejn iktar sinjura grazzi.

**Ikkunsidrat**

Ix-xhud Steven Carl Cini ma kienx f'posizzjoni li jgharaf min habat mieghu. PS 1469 E Borg naqas li jaghti d-drittijiet spettanti lill-imputat tad-dritt ta`avukat u dritt tas-silenzju u bhekk kwalsijasi stqarrija li seta ghamel ma tistghax tittiehed in konsiderazzjoni u fic-cirkostanzi ma hemmx il-grad ta provi rikjesti fil-kamp kriminali u l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet tinsab ippruvata .

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikolu 328(c ) tal-Kap 9 u Art 15(1)(a) (2) kap 65 u fil-L.S. 65.18Art 36(B) u il-LS65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta ma ssibx lil

Melvin Borg hati tal-imputazzjoni fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**